**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002

**Numru 12**

**Avviz. numru 1553/01JR**

**Media Link Communications Company Limited**

**vs**

**Renato Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija hamsa u disghin lira Maltija (Lm1495.00) rapprezentanti prezz ta' reklamar fuq il-media tas-socjeta` attrici ordnati mill-konvenut u mhux imhallsa skond l-istatement esebit u immarkat Dok.A;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-invoice kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija hamsa u disghin lira Maltija (Lm1495.00) bl-imghaxijiet kummercjali mill-31 ta' Mejju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**